# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Ottubru 2016

Rikors Guramentat Nru. 193 / 14RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri C E u dan permezz tad-digriet datat 18 ta' Settembru 2014**
**vs**
**F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici u l-intimat F G m'humiex mizzewgin;

2. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u frott ta' din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu C G li twieled fis-sbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (17/7/2012) kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid;

3. Illi fic-certifikat tat-twelid imsemmi hu ddikjarat li F G hu l-missier naturali tal-minuri;

4. Illi ghalkemm l-intimat irrikonoxxa lill-minuri C G bhala ibnu, skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi, l-istess intimat naqas bl-aktar mod assolut milli jaqdi l-obbligi tieghu ta' missier, b'dan illi qatt ma kellu xi tip ta' kuntatt ma' ibnu minuri;

5. Illi l-intimat, tul hajjet it-tifel minuri, qatt ma ta kasu u qatt ma mantnieh b'ebda mod tant illi l-minuri ma jafux;

6. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-procedura legali kontra l-intimat in forza ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jgib id-data ta' l-4 ta' Lulju 2014. Digriet numru 1467/14;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C G f'idejn l-esponenti l-omm u dana fl-ahjar interess tal-minuri;

2. Tawtorizza lill-esponenti tiehu d-decizjonijiet kollha fir-rigward binha minuri C G, inkluz dawk ta' sahha u edukazzjoni, kif ukoll tapplika u tottjeni wahedha l-hrug ta' passaport tal-imsemmi minuri, minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat;

3. Tordna li l-konvenut jitnehhewlu l-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur ai termini ta' l-Artikolu 15a(1)(b) u (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess suprem tal-minuri C G;

4. Tordna li l-missier intimat jigi ordnat jissoministra dik ir-retta alimnentari stabbilita' minn din l-Onorabbli Qorti skont il-bzonnijiet tal-minuri, liema somma ghandha tizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u dana flirnkien ma' l-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri;

5. Tillikwida 1-manteniment dovut mill-intimat mid-data tat-twelid tal-minuri C G, u tordna lill-intimat ihallas sas-sentenza ta' din il-Qorti tali arretrati ta' manteniment hekk likwidat;

6. Tordna li l-istess manteniment u arretrati ta' manteniment jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

Bl-ispejjez kontra 1-intimat, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-18 ta' Settembru 2014, fejn il-Qorti laqghet t-talba tal-attrici maghmula b'rikors ipprezentat fl-1 ta' Settembru 2014, biex tigi nominata kuratrici 'ad litem' tal-minuri C G;

Rat id-digriet moghti mill-Qorti 'seduta stante' fl-20 ta' Novembru 2014 li ordnat li 'pendente lite' l-Awtorita' tal-Genitur inkluz l-kura u l-kustodja tal-minuri C G

tkun f'idejn ommu A B, ordnat lill-konvenut li sakemm ma tinghatax ordni ohra l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-minuri s-somma ta' Euro 200 fix-xahar, u li dan jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut fl-eventwalita' li jinsab fejn qed jahdem;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fis-6 ta' Marzu 2015, b'konferma li n-notifika tal-konvenut saret bl-affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat id-digriet moghti fit-22 ta' April 2015 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-attrici pprezentat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ta' Anton Giovanni Parnis, ziju tal-attrici u ta' Christian B hu l-attrici, pprezentati fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Joseph Chircop, ghad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, ta' Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation, ta' Stephen Cachia ghal Transport Malta, ta' WPC 20 Sonia Schembri, ghall-Kummissarju tal-Pulizija u tal-istess attrici li xehdu fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-fedina penali tal-konvenut ipprezentata mill-WPC 20 Sonia Schembri fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-attrici pprezentata fil-5 ta' Lulju 2016, li permezz taghha pprezentat Tifkira taz-Zwieg b'konferma li fid-29 ta' Mejju 2015 izzewget lill-Leandros Galea;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2016 fejn il-Qorti ddiferit il-kawza ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 48 et seq, ikkonfermat li ltaqghet mal-konvenut G, missier il-minuri C G, fit-3 ta' Settembru 2011, meta kellha 17 il-sena, f'Birzebbuga fejn kienet tmur mal-hbieb. Hi tammetti li kienet ghadha zghira wisq biex taghraf bniedem kienx sura ta' nies jew le. Xahar biss wara li saret tafu harget tqila, f'Ottubru 2011. Dak iz-zmien hu ma kienx jahdem u hi b'tarbija gejja insistiet mieghu li ma setghax jibqa bla xoghol. Huwha, Christian B, sablu xoghol pero' mill-ewwel xeba', kien jghid li dak ix-xoghol ma kienx tajjeb ghalih

ghax kien ta' tbatija. Huwha sablu xoghol iehor fir-raba' fi zmien il-patata, pero' anke minn dan ix-xoghol waqaf immedjatament minghajr ma taha raguni.

Sabitlu xoghol ma' kumpanija tat-tindif bhala cleaner gewwa St Vincent de Paule, ma kellux hinijiet hziena, darba rritorna d-dar kmieni mix-xoghol u qalilha li keccewh mix-xoghol pero' ma qalilhiex ghaliex tkecca. Hi insistiet biex jghidilha x'kienet r-raguni u fl-ahhar ammetta li s-supervisor tieghu sabitu fil-kcina ma' l-art b'siringa f'idu. Kellhom glieda kbira ghax ma kienx qed igibilha rispett meta kienet qed tistenna tarbija u kellhom bzonn il-flus u barra minn hekk kien weghdha li kien qata' minn dan il-vizzju. Dakinhar riedet ittemm ir-relazzjoni pero' ma setghatx minnhabba t-tarbija billi xtaqet li t-tarbija tkun parti minn familja maghquda, b'missier f'hajjitha.

Waqt li kien jahdem bhala cleaner il-konvenut stess kien qalilha li ltaqa' ma tfajla tahdem mieghu u kienu saru hbieb sew. Kien jmur ghaliha kull jum u baqa' jmur anke wara li keccewh mix-xoghol. Kien jqum aktar kmieni mis-soltu biex jitlaq mid-dar u jmur jiltaqa' maghha. Qatt ma kien jimportah mill-bzonnijiet taghha li kienet tqila, anzi kien igaghalha tqum kmieni biex tqajmu biex jmur jwassal lill-habiba x-xoghol. Illum tirrealizza kif ghajnejha kienet maghluqa ghal kollox.

Il-familja taghha assumiet ir-responsabiltajiet tal-konvenut, li billi kien tkecca mix-xoghol, xtarwlha dak kollu li kellha bzonn ghat-tarbija. It-tqala ma kinitx trankwilla billi hu dejjem jaqla' il-glied maghha, kien jiggieled mal-familja taghha, partikolarment ma' huwha. Billi l-glied kien sar kontinwu u dan ma kienx tajjeb ghal sahhitha iddecidew li jghixu ghar-rashom. Hi dejjem zammet f'mohhha l-interess tat-tarbija u ma riditx li din titwieled f'ambjent perikoluz minhabba t-temperament perikoluz li kellu l-konvenut. Fl-1 ta' Gunju 2012 ma baqghux jghixu taht l-istess saqaf.

Fis-16 ta' Gunju 2012 dahlet l-Isptar u l-ghada twieled it-tifel C. Meta kienet ser tirregistra t-tifel hi riedet li jiehu kunjomha, izda meta infurmat lill-konvenut dan qalilha li jekk taghmel hekk, ifarfar idejh minnha u minn binha. Ghal din r-raguni billi ma riditx li t-tifel jkun abbandonat minn missieru iddecidiet li l-minuri jiehu kunjom missieru. Wara li twieled C, il-konvenut rega' mar jghix maghha, pero' wara ftit regghu bdew bil-glied u l-battibekki. Tghid li l-konvenut qatt ma jghinha bit-tifel, ma kienx jqum bil-lejl meta jqum it-tifel, li kellu problemi kbar fl-istonku billi l-ikel ma kienx jzommu.

Iz-zija taghha issugeritilha li tiehdu ghand it-tabib Dottor Chris Fearne li kien irrakomanda il-halib AR biex it-tifel ma jkollux problema biex jzomm l-ikel. Tghid li l-konvenut qatt ma kien jinteressah jara x'kienet il-problema tat-tifel. Ftit qabel hassru l-konvenut kien qalilha li kien sab xoghol pero' indunat li ma kienx qed jithallas u bdiet tiddubita jekk veru kien qed jahdem. Hu insista li kellu

jithallas mill-ETC, kien semma xi skema. L-attrici tghid li kellha taqa' fuq l-beneficcji socjali, ghax lanqas kellha flus biex titma t-tarbija.

Hi kienet taf li kien qed jorqod ma' mara ohra u meta kienet tghidlu kien jghidilha li kienet qed tohlom. Darba qalilha li kellu bzonn jitla' Ghawdex fuq xoghol mal-imghallem. Hi lmentat mieghu li ma kienx sew li kien ser ihalliha tlett tijiem wahedha u hu qalilha biex tghid liz-ziju taghha biex tmur tghix maghha l-kugina. Iz-ziju dejjem kien jghid li l-konvenut kien qed johrog ma' mara ohra wara darha; iz-ziju kien jhoss ghaliha, kienet daqs bintu billi rabbiha hu peress li ma kellhiex missier.

F'dawk it-tlett t'ijiem il-konvenut qatt ma kkommunika maghha biex jistaqsi jekk kollox kienx sew, cempel darba biex jghidilha li kien ser idum gurnata zejda. Meta ippruvat iccempillu qatt ma rrispondiha u tghid li mn'alla ma kellhiex xi emergenza bit-tifel ghax xorta ma kienx jghinha.

Darba l-konvenut dahal tard, raqad ghal ftit sieghat, it-tifel qam jibki u qabdu minn sidru u beda jghajjat, mar hdejn il-gallarija bit-tifel u qalilha: " jew jieqaf jew nitfghu ghal isfel!" Hi bdiet tghajjat u qaltlu: " Ara ma jfettilekx tmissu! Hallieh!" Kienet sejra tirrappurtah lil Pulizija izda bezghat.

Ikkonfermat li l-konvenut qatt ma ta flus biex tixtri l-bzonnijiet bazici lit-tifel. Kienet tistaqsi lill-parrinu tat-tifel, Josph Bezzina, biex jixtrilha l-bzonnijiet ghat-tifel. Kienet tiddejjaq tghidlu kull darba, u kienet ohtha Charmaine B li kienet tghidlu. Kellha bil-fors iddur fuq hutha u l-familja taghha.

Fil-21 ta' Novembru 2012, il-konvenut gie minn barra fit-tlieta ta' filghodu u qalilha li ddejjaq maghha u biex ma jibqghux flimkien izjed. Hassha ser tiggenen billi ghalkemm l-konvenut qatt ma kien ta' ghajnuna, ma kinitx taf kif kienet ser trabbi wahedha tarbija ta' erba' xhur. Cemplet lil huha biex jmur ghaliha fis-sitta ta' filghodu, ha gurnata leave u ghinha igorr l-affarjiet taghha u tat-tarbija ghand ommha, li laqathom b'idejha miftuha.

L-ghada l-konvenut mar biex jara lil C ghal ftit hin u biex jigbor xi affarjiet minn Hal-Safi. Mar mat-tfajla l-gdida li kellu. Ftehmu li l-konvenut seta' jara lit-tifel darbtejn fil-gimgha u gurnata fil-weekend. Il-konvenut ammetta li ma kienx kapaci jiehu hsieb it-tifel wahdu tant li ried jiehdu meta l-habiba tieghu tkun 'off'. Meta kien jigi ghat-tifel dejjem bit-torturi, kienet tqajmu kmieni u dejjem jigi tard ghalih u t-tifel bil-biki kien jmur ma' missieru, ghax assolutament ma kienx jkun jrid jmur mieghu.

F'Novembru 2012, it-Tabib Dottor Chris Fearne qalilha li t-tifel kellu bzonn operazzjoni biex titnehha il-hajta ta' ilsienu. Hi pero' qabel xtaqet tghamdu. Dakinhar tal-mghamudija, il-konvenut mar il-Knisja u mill-ewwel beda jiggieled

maghha u jidghi, bil-parrini u l-Kapillan iharsu lejh u jsikktuh. Waqqghalha wiccha l-art u flok gurnata memorabbli spiccat tishet is-siegha u l-mument li qaltlu jkun presenti biex jaghmel id-dover ta' missier.

Fis-6 ta' Frar 2013 dahlet lil C l-Isptar ghall-operazzjoni. Ippruvat tiftiehem mieghu biex f'xi hin jigi jibdilha biex tkun tista' tmur id-dar. Qalilha li t-tfajla tieghu kienet ma tiflahx u meta qaltlu li t-tifel tieghu ukoll kien ma jiflahx beda jghajjat u jidghi u jghid li ma jibzax minnha u mill-familja taghha.

Kien huha li ghinha meta kienet l-Isptar mat-tifel ghall-operazzjoni. Il-konvenut lanqas biss baghat messagg biex jara jekk kienx kollox sew u kif ghadda t-tifel wara l-operazzjoni. Wara li it-tifel ghamel l-operazzjoni, il-konvenut ma tantx dam imur jarah, hi ma riditx li jharbat lit-tifel u qaltlu li jekk jrid jarah kellu jkellimha bl-avukat. Minn dak iz-zmien qatt ma rega ghamel kuntatt maghha. It-tifel illum ghandu sentejn u nofs u l-konvenut qatt ma taha xejn.

Kien prezenti ghal-laqgha wahda tal-medjazzjoni, pero meta kellhom jiftehemu fuq il-manteniment, l-access u l-kura u l-kustodja ta' C, ma giex ghall-appuntament. Cemplitlu l-medjatur u qallha li ma kellux interess jmur. Kienet ghalhekk kostretta li tipprocedi b'din l-kawza biex tevita li jkollha l-problemi dwar it-tifel bhal meta jkollha bzonn il-firma ta' missieru.

**Anton Giovanni Parnis**, iz-ziju tal-attrici, fl-affidavit tieghu pprezentat fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, u mahluf fil-11 ta' Jannar 2016, Fol 71, ddikjara li kien ltaqa' mal-konvenut ftit wara li beda johrog mal-attrici. Mill-ewwel kien innota li l-konvenut kien bniedem ghazzien, irresposabbli u b'certi vizzji, u kien wissa lill-attrici li ma kellhiex xi tridu ghax kien idahhalha fl-inkwiet. Hu kien jiehu hsiebha minn meta kienet zghira daqs li kieku kienet bintu billi meta miet missierha kienet ghadha zghira.

Meta A bdiet tohrog mieghu staqsa fuqu u sar jaf dwar il-problemi kbar li kellu hu u l-familja tieghu. Hu kien kellem lil A, spjegalha li dan ir-ragel ma kienx tajjeb ghaliha pero' hi ghamlet ta' rasha, forsi ghax kienet ghadha zghira u forsi hu pprova jaghti l-impressjoni li kien ser jinbidel. Meta kien sab lill-konvenut qallu biex jiehu hsieb lill-attrici u ma jweggahhix.

Minkejja t-twissija tieghu gara propju dak li kien qed jipprevedi, A harget tqila u hu kien hadha bi kbira ghax kien jaf li hi kienet ghadha zghira u hu ma kienx kapaci jerfa' r-responsabilita' ta' missier. Barra min hekk l-konvenut ma kienx jahdem u lanqas ried jahdem, dejjem isib l-iskuzi biex ma jahdimx. Hu A, Christian, kien kemm-il darba seffaq wiccu u sabblu x-xoghol, l-konvenut ma riedx jaf b'xoghol u kien iwaqqghu ghac-cajt ma kull imghallem li kien ihaddmu mieghu. Il-konvenut ma riedx jahdem u kellu l-vizzju tad-droga. Hu kien cert li A kienet ser tiehu hsieb it-tarbija, pero' ma setghax jghid l-istess dwar l-konvenut.

Jaf li l-konvenut kien jittrattaha hazin lil A, kien jhalliha nieqsa min kollox, flok kien jaghtiha hu kien johdilha l-ftit li kien ikollha.

Kien sar jaf li l-konvenut kellu zewgt itfal ohra li ma ddejjaq xejn jabbandonhom. A ma riditx tisma', probabilment ghax kienet tibza' li t-tarbija titwieled minghajr missier. Semma' ix-xenati li l-konvenut kien ghamel fil-Knisja meta A ghamdet it-tifel. L-agir tieghu waqt il-funzjoni kien tal-misthija.

Wara li ghamlu ftit zmien jghixu flimkien, il-konvenut kien abbandunaha, pprova igelliedha ma' huwha u ommha, u wara ftit zmien talabha biex jara t-tifel u lanqas staha mar ma' mara ohra.

Isemmi illi llum it-tifel C qed jikber bl-imhabba u l-attenzjoni li taghtih ommu A, li taghmel kull tip ta' sagrificcju ghalih biex trabbih b'mod tajjeb kif jixraqlu.

**Christian B,** hu l-attrici, fl-affidavit tieghu, Fol 75 et seq, ikkonferma li sar jaf lill-konvenut G, missier it-tifel ta' ohtu, ftit wara li bdew johorgu flimkien. Mill-ewwel kien ha l-impressjoni, minn kliemu u mill-agir tieghu li ma kienx ragel li jerfa' r-responsabiltajiet tieghu, u wisq aktar li jkollu familja. F'Ottubru 2011 ohtu, li kienet tafda fih qaltlu li harget tqila u talbitu jghinhom billi jsib xoghol lill-konvenut, u kien irnexxhielu isiblu xoghol. Ghall-ewwel kien sejjer tajjeb izda wara ftit zmien baghatlu messagg biex jghidlu li dak ix-xoghol fih wisq tbatijja. Hu ma jistax jifhem kif il-konvenut telaq min dan ix-xoghol billi l-imghallem tieghu dejjem ghinu meta kellu bzonn bhal meta kellu l-hsara fil-karozza. Dan l-imghallem lill-konvenut kien jafu sew u kien qal lix-xhud li l-konvenut gja' kellu zewg ulied ohra minn zewg relazzjonijiet precedenti u fetahlu ghajnejh li ohtu ma kellhiex x'tambih dan ir-ragel. Hu kien avvza lill-ohtu, izda hi ghalqet ghajnejha bejn ghax kienet ghadha zghira kif ukoll ghax ma xtaqitx li t-tarbija tkun bla missier.

Billi lil ohtu kien jirrispettaha hafna rega' beda jipprova isib xoghol ghall-konvenut, pero' hu baqa' ma nbidilx, jahdem erba tijiem u jitkecca. Meta ohtu wasslet f'nofs it-tqala mar ikellem lil ommu u xtrawlha l-affarjiet li kellha bzonn ghat-tarbija, u wara il-problemi mal-konvenut zdiedu, tant li lanqas kien ihalliha tkellem lilu u lil ommha. Sar jaf minghand ommu li l-konvenut sab xoghol bhala cleaner f'San Vincenz u habib tieghu kien qallu li ssospendewh mix-xoghol ghax kienu jsibuh rieqed flokk jahdem. Wara ftit zmien sar jaf li lill-konvenut keccewh mix-xoghol billi kienet qabditu supervisor stendut mal-art b'siringa f'idu.

Meta ohtu weldet it-tarbija hu kien imsiefer, cemplitlu ommu biex tghidlu li ohtu kellha tifel li semmietu C. Ghalkemm ohtu ma kinitx qed tkellmu minhabba l-konvenut hu ferah u xtara xi hwejjeg ghat-tifel. Meta wasal Malta cempel lil ohtu u qalilha li nizzel xi hwejjeg ghat-tifel. Hi semplicement irringrazzjatu, ftit wara cempillu l-konvenut u qallu 'l-affarjiet li gibt lit-tifel tista' izommhom ghax minn

ghandek ma ried xejn'. Wara dakinhar ohtu ma kellmitux aktar ghal xhur shah sakemm darba cemplitlu kmieni fil-ghodu xi 6.15 am, infaqet tikbi, talbitu jghinha ggorr l-affarjiet ghand ommha u qaltlu li l-konvenut kien telaqha. L-imghallem tah gurnata leave u telaq. Garrilha l-affarjiet kollha ghand ommha li laqghatha b'ideja miftuha bit-tarbija b'kollox. Staqsiha x'kellha bzonn tixtri ghaliha u ghat-tarbija u taha l-flus ghax lanqas centezmu ma kellha. Il-konvenut mhux talli ma kien jaghtiha xejn, kien jiehdilha il-ftit li kien jkollha mill-beneficcji socjali. Ohtu qaltlu li d-deheb taghha kellha tbieghu ghax il-konvenut kellu bzonn il-flus biex jsewwi l-hsarat fil-karozza tieghu. Jghid li l-konvenut qatt ma kellu interess fit-tifel. Ghalkemm il-konvenut kien ha lit-tifel ghall-access f'xi zewg okkazzjonijiet dejjem kien jispicca icempel lill-attrici u jirritorna t-tifel ghax ma jkunx jrid joghqod.

Hu semma' l-incident li nqala' fil-maghmudijja tat-tifel. Ohtu riedet li missier it-tarbija jkun prezenti u ghalhekk infurmatu bil-gurnata u l-hin. Izda hu l-ewwel baqa' barra jpejjep u meta dahal fil-Knisja beda jiggieled ma' ohtu, beda jidghi quddiem il-qassis u meta hargu barra ghar-ritratti fuq iz-zuntier ghamel xenata shiha, xeghel l-istero tal-karozza full on u telaq. Ix-xhud jghid "Lanqas fid-dar ta' Alla ma gab rispett ahseb u ara kemm kien ser jgib rispett lil ohti u lil binha"

Meta t-tifel kien l-isptar u l-konvenut suppost kellu joqghod mieghu, sabu li flokk qaghad mat-tifel hareg barra jpejjep u lit-tifel hallieh mal-mara li kient f'sodda vicina fl-istess ward. Fil-gurnata li saret l-operazzjoni fuq it-tifel ix-xhud iddikjara li ha gurnata leave biex joqghod ma' ohtu u t-tifel u l-konvenut lanqas biss cempel biex jara jekk l-operazzjoni marritx sew jew ghandux bzonn xi haga. Minn dakinhar ohtu rrejallizat li l-konvenut ma kienx jinteressah mit-tifel. Qatt ma rah aktar u qatt ma ta lil ohtu xi manteniment ghat-tifel. Ix-xhud iddikjara li ohtu hi kompletament ddedikata ghat-tifel sa min qabel twieled u bl-ghajnuna tieghu u ta' ommhom qed trabbi lit-tifel bl-ahjar mod possibbli minnkejja id-diffikoltajiet li thabbat wiccha maghhom. Ohtu taghmel kwalunkwe sagrificju biex it-tifel ma jonqsu xejn.

**Joseph Chircop**, li xehed in rapprezentanza tad-Direttur tas-Servizzi Socjali, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 94, ikkonferma li l-konvenut kien qed jircevi unemployment assistance. Skont id-dokument market Dok JC1 minnu esebit, l-ahhar li ha kien fl-20 ta' Settembru 2013 u wara l-imsemmija data ma irceviex aktar assistenza. Dan ghar-raguni li jew ma jkunx irregistra ghax-xoghol jew li ma talabx ghajnuna billi biex wiehed jircevi l-unemployment assistance jinhtieg li jkun irregistra ghax-xoghol. Mistoqsi jekk il-konvenut ma kienx qed jircevi l-assistenza ghax kien qed jahdem ix-xhud irrisponda li huma ma jkunux jafu jekk jkunx qed jahdem jew le. Ikkonferma li l-konvenut kien qed jiehu supplementary allowance sal-4 tal-Lulju

2014. L-imsemmi dokument jelenka l-ammonti li l-konvenut irceva mid-Diprtiment tas-Sigurta' Socjali bejn is-sena 2010 sat-2014.

**Joseph Saliba**, li xehed in rappresentanza tal-Employment and Trading Corporation, fl-istess seduta, Fol 95, esebixxa l-Employment History tal-konvenut, Dok JS1 u ir-Registration History tieghu, Dok JS2 li jindika d-dati meta ma kienx qed jahdem u 'available for employment'. Hu ddikjara li l-konvenut ghandu 26 sena.

**Stephen Cachia**, li xehed fl-istess seduta in rapprezentanza ta' Transport Malta, Fol 95, esebixxa Dok SC1 li juri l-vetturi prezentement registrati f'isem il-konvenut G, I D. Card Nimber 517289(M) u Dok SC2 juri l-vetturi li kienu registrati f'ismu fil-passat. Il-vetturi li prezentement huma registrati f'ismu huma, Fiat Tempra, Mazda RX8, Hyundai H100 indikata bhala 'garaged' , Smart City Passion 61 u Mitsubishi RVR. Id-Dok SC2, Fol 108 jelenka l-vetturi li kienu registrati f'isem il-konvenut, kif ukoll kemm damu registrati f'ismu. Id-dokument jikkonferma li l-vettura Ford D Series kienet registrata f'ismu mid-9 ta' Frar 2016 sas-26 ta' Frar 2016; il-vettura Honda Accord kienet registrata f'ismu mill-24 ta' Settembru 2015 sas-7 ta' Dicembru 2015; Kawasaki ZX9R mill-15 ta' Settembru 2015 sas-17 ta' Dicembru 2015; il-vettura Fiat Uno mill-11 ta' Novembru 2015 sad-29 ta' Frar 2016; il-vettura Ford Escort mill-11 ta' Dicembru 2015 sal-21 ta' Dicembru 2015; il-vettura Toyota Corsa mit-18 ta' Dicembru 2015 sat-30 ta' Dicembru 2015; il-vettura Freight Rover mid-9 ta' Frar 2016 sal-20 ta' April 2016; u l-vettura Mercedes Benz mill-20 ta' Novembru 2015 sat-13 ta' April 2016.

Dan iffisser li bejn Settembru 2015 u April 2016, perjodu ta' seba' xhur il-konvenut biegh u nnegozzja tmien vetturi.

**WPC 20 Sonia Schembri**, xehdet fl-istess seduta in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, Fol 96. Hi pprezentat kopja ta' rapport ta' Domestic Violence li sar mill-attrici kontra il-konvenut fis-17 ta' Dicembru 2012, Dok SS1. Fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2016 ipprezentat il-fedina penali tal-konvenut Fol 122 u 123, li minnha jirrizulta li ttiehdu proceduri kriminali kontra il-konvenut, fit-12 ta' Marzu 2007, serq ta' vettura; fil-21 ta' Gunju 2007 sewqan ta' vettura minghajr licenzja; fil-5 ta' Lulju 2007 furto d'uzo ta' vettura minghajr licenzja; fit -18 ta' Gunju 2008 sewqan ta' vettura b'manjera traskurata u bla licenzja; fis-16 ta' Ottubru 2008 serq ta' mobile phone u xiri ta' oggetti misruqa; fit-8 ta' Marzu 2010 partecipazzjoni f'attijiet sesswali ma' zewg tfajliet taht l-eta' cioe ta' 14 il-sena, sentenza kkonfermata mill-Qorti tal-Appell; fil-11 ta' April 2008, Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti; fis-6 ta' Dicembru 2010 serq ta' basket bi flus kontanti; fis-7 ta' Lulju 2014 serq ta' rota u diversi oggetti ohra; fit-3 ta' Marzu 2015 serq ta' diversi oggett minn kmamar f-ghalqa u xiri ta' hwejjeg misruqa; u fl-20 ta' Ottubru 2015, sewqan ta' vettura minghajr licenzja tas-sewqan.

L-attrici, **A B,** xehdet fl-istess seduta u kkonfermat li fis-17 ta' Dicembru 2012 kienet ghamlet rapport l-Ghassa taz- Zurrieq billi l-konvenut kien hediddha li kien ser ikissrilha kull ma hemm ,li ma jinpurtahx minn familtha u li kien ser jmur l-Appogg biex jiehdulha t-tifel ghax ma kinitx kapaci trabbieh.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b'din il-kawza kontra il-konvenut, li hu missier ta' binha C, li twieled fis-17 ta' Lulju 2012, u qed titlob li l-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri tkun fdata f'idejha fl-ahjar interess tat-tifel, li tkun awtorizzata tiehu d-decizjonijiet kollha dwar binha l-minuri C, fosthom dawk ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri kif ukoll ghall-hrug tal-passaport tieghu minghajr il-kunsens tal-konvenut; li lill-konvenut jitnehhewlu l-jeddijiet kollha ta' setgha tal-genitur fit-termini tal-Artikolu 154(1)(b) u (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fl-interess seprem tal-minuri; li jigi kkundannat ihallas retta alimentari ghall-minuri; li jigi likwidat l-manteniment dovut mid-data tat-twelied u kkundannat ihallas l-arretrati tal-manteniment hekk likwidat; u li dan jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, jew minn kull beneficcju socjali li hu jkun qed jicevi.

Il-konvenut gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni izda baqa' kontumaci u ma pprezenta l-ebda risposta. Skont l-attrici kien presenti ghal seduta wahda biss fil-Medjazzjoni, u wara informa lill-Medjatrici li ma kellux interess jkompli jattendi.

Mill-provi rrizulta li rrikonoxxa lill-minuri C bhala ibnu, qatt ma wera interess fih, qatt ma hallas manteniment, abbanduna kemm lill-attrici kif ukoll lill-minuri, kellu diversi relazzjonijiet ma' nisa ohra qabel dik mal-attrici, fil-prezent qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra, ghamel zmien jirregistra u jircevi 'unemployment assistance' mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, tkecca mix-xoghol meta nqabad jabbuza mid-droga, u ghandu fedina penali li tikkonferma li ttiehdu proceduri kriminali numeruzi kontrih. Jirrizulta li fil-prezent l-attivita' lavorativa tieghu, anke jekk mhux registrat mal-awtoritajiet kompetenti hi, li jinnegozja fil-vetturi awtomobilistici.

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew li f'sitwazzjoni fejn il-genituri tal-minuri ma jitkellmux, jew ma jgibhux ruhhom civilment meta jiltaqghu ghandha tigi skartata l-kustodja kongunta ghaliex tkun okkazzjoni ta' glied u litigji ulterjuri bejn il-genituri certament bi hsara ghall-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech**” deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ April 2016 fejn l-appellant appella mis-sentenza tal-Prim Istanza li kienet affidat il-kura u kustodja tal-minuri esklusivament f’idejn l-omm, il-Qorti tal-Appell iccitat b’approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza numru 277/2012 fl-ismijiet “ **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**” deciza fit-30 ta’ April 2015, fejn il-posizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f’kazijiet ta’ determinazzjoni ta’ kura u kustodja tal-minuri u modalita’ ta’ access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti:

“In tema legali issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**’ fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux, talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti fil-waqt li tiddikjara li taqbel ma tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m’humiex kapaci jitkellmu b’mod civili ma xulxin li l-kura u kustodja m’ghandhiex tkun kongunta ghalhiex immankabilment tkun sors ta’ litigji ulterjuri b’detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk: ‘ Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu l-minuri, m’hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma’ ommha u ma missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri, u kif jigi provdut l-access , jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genitur. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita’ emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.’

Fis-sentenza “**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**” moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta’ applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti li taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fl-ahhar nett issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ ottubru 2014 fl-ismijiet “**Mario Darmanin vs Annalise Cassar**” fejn jinghad:

“ meta tigi biex tiddecidi dwar il-kura u kustodja tal-minuri, il-Qorti m’ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet ‘ut sic’izda biss dwar x’inhu l-ahjar interess tal-minuri.( vide per ezempju **Magro vs Bonnett** 11 ta’ Dicembru 2003 u **Portelli vs Portelli**, 25 ta’ Gunju 2003 Prim Awla). “Li wiehed jghid li f’din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa “understatement”. Il-Qorti tara li jekk tikkonferma id-decizjoni tal-ewwel Qorti f’dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista’ jigri fil-hajja ta’ kull bniedem jkun hemm bzonn ta’

decizzjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami."

Ikkonsidrat;

Fil-kas in ezami rrizulta li l-attrici harget tqila wara biss xahar li ltaqet mal-konvenut; li l-konvenut qatt ma wera interess fit-trobbija tal-minuri; li ghandu relazzjoni ma' mara ohra u meta mar jara lill-minuri mar mal-habiba; li gie akkuzat li kkorrompa zewg tfajliet minnorenni; kellu zewgt itfal minn nisa differenti sa minn qabel ma ltaqa' mall-attrici; qatt ma ikkontribwixxa ghall-ispejjez fit-trobbija tal-minuri; u gheddet lill-attrici li kien ser ikissrilha kull ma hemm u li kien ser jara biex jehdulha t-tarbija. Il-fedina penali tal-konvenut, li minnha jirrizulta li kellu f'diversi okkazzjonijiet jirrispondi ghall-akkuzi kriminali tikkostitwixxi prova ulterjuri dwar l-inidonjeta' tal-konvenut li jinghata sehem fil-kura u kustodja tal-minuri.

Irrizulta li kull darba li jiltaqghu jinqala' l-inkwiet; meta il-konvenut attenda ghall-maghmudijja tal-minuri l-konvenut qala' l-inkwiet fil-Knisja, meta beda jiggieled mal-attrici u jidghi fil-knisja quddiem il-Kapillan; u anke barra meta ippruvaw jiehdu xi ftit ritratti fuq iz-zuntier tal- Knisja qala' xenata shiha. M'hemmx dubbju li jekk il-konvenut jinghata sehem mill-kura u kustodja tal-minuri, jizdiedu il-possibiltajiet ta' incidenti, anke vjolenti bejnithom, bil-probabilta' li tali incidenti jkollhom effett trawmatiku fuq il-minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja u l-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri tigi akkordata esklusivament f'idejn l-omm u maghha ghandu jibqa' jirrisjedi.

**Manteniment tal-Minuri.**

Il-provvedimenti tal-ligi dwar id-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lil uliedhom huma s-segwenti:

**Artikolu 7 tal –Kap 16.**
(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, jmantnu, ighallmu u jedukaw lil muliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.

**Artikolu 19 tal-Kap 16.**
(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

**Artikolu 20 tal-Kap 16.**

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.
(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qis ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.
(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħumogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust

.
(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persunali titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunxaxxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għand u jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust

Ikkunsidrat;

Il-partijiet, ġenituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genituri huma mizzewga lil xulxin, sew jekk le. Issir ghalhekk riferenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin, partikolarment l-Artikolu 54 tal-Kap 16.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux l-kustodja tal-minuri jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 gie dikjarat illi:

"Wiehed l-ewwel net ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli msemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Catherine Mifsud vs Louis Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 ntqal li:

“ Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta’ min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hem mil-bzonn(L-Artikolu 20 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta’ min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess Artikolu l-manteniment ghandu jigi ffissat skont l-mezzi ta’ min hu obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita’ tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Jane Camilleri pro et noe vs Carmelo Camilleri**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Novembru 1990 ntqal:

“Il-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skont il-qliegh tar-ragel u l-utili tieghu, pero’ dan ma jistax jigi interpretat b’mod li r-ragel jista’ meta jrid jirrizenja mix-xoghol bla raguni giustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha.”

Fil-kawza fl-ismijiet **“Emanuel Bartolo vs Francis Bartolo”** deciza fis-27 ta’ April 1965 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili intqal ‘inter alia’;

“Jekk ir-ragel ma jahdimx huwa ma jehlisx minn dan l-obbligu jekk ma jkollux xi impediment serju jew mard gravi li jinabilitah mix-xoghol”.

Fil-kas in ezami rrizulta mill-provi, li l-konvenut kellu diversi opportunitajiet ta’ xoghol adegwat bis-sahha tal-inizzjattiva u tal-konoxxenzi li kellu Christian B, hu l-attrici, izda f’kull okkazzjoni abbanduna l-impieg minghajr gustifikazzjoni; ghamel zmien jirregistra u jircevi l-Unemployment Assistance mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali; tkecca mix-xoghol li kellu f’San Vincenz ghax inqabad jabbuza bid-droga, u finalment mid-dokument epprezentat mir-Rapprezentant ta’ Transport Malta, irrizulta li fi zmien seba’ xhur innegozzja tmien vetturi. Fuq bazi ta’ probabilita’ jirrizulta li l-konvenut illum ghandu dhul gej mill-hidma lavorativa tieghu fix-xiri u bejgh ta’ vetturi.

B’Digriet tal-20 ta’ Novembru 2014, din l-Qorti ordnat li ‘pendente lite’ l-kura u l-kustodja tal-minuri C u l-awtorita’ tal-genitur tkun fdata f’idejn l-attrici ommu, u l-konvenut gie ordnat jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta’ Euro 200 fix-xahar. Billi mill-provi rrizulta li l-konvenut jinnegozzja fil-biegh tal-vetturi, il-Qorti qed tikkonkludi li ghandu mezzi biex jikkontribwixxi b’mod adegwat ghall-htigijiet tal-minuri. Fic-cirkostanzi ma hux rakkomandabbli li l-hlas da parti tal-konvenut ghall-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri jigu kalkolati separatament mill-manteniment mensili ghaliex certament li tali arrangament ser ikun sors ta’ inkwiet u litigji ulterjuri. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri C, liema manteniment ikopri l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C G esklusivament f'idejn l-attrici ommu.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tawtorizza lill-attrici tiehu hi d-decizzjonijiet kollha dwar il-minuri fosthom dawk ta' sahha, edukazzjoni u hrug ta' passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens tal-konvenut;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna li lill-konvenut jitnehhewlu l-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur ai termini tal-Artikolu 154(1)(b) tal-Kapitilu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri C fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar, b'effett millum, li jithallas kull l-ewwel ta' kull xahar, u li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

5. Tilqa in parti l-hames talba attrici, b'dan li l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici bhala manteniment arretrat ghall-minuri C, fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, kif stabbilit bid-digriet 'pendente lite' tal-20 ta' Novembru 2014, b'effett mill-imsemija data sallum;

6. Tilqa' s-sitt talba atttrici kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**